LINJA GWIDA (UE) 2020/1691 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Settembru 2020

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/31 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral

(BĊE/2020/47)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari lewwel inċiż tal-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 5.1, 12.1, 14.3 u 18.2 tiegħu,

Billi:

(1) Titoli ggarantiti b'assi li l-assi sottostanti tagħhom jinkludu selfiet b'ipoteka residenzjali jew selfiet lil impriżi żgħar u ta' daqs medju, jew it-tnejn li huma, u li ma jissodisfawx ċerti rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 3(5) tal-Linja Gwida BĊE/2014/31 ([1]) m'għandhomx ikomplu jkunu eliġibbli bħala kollateral tal-Eurosistema, fid-dawl tal-fatt li din il-klassi ta' assi qatt ma ntużat.

(2) Il-metodu tal-kalkolu ta' penali finanzjarji f'każijiet fejn il-pretensjonijiet tal-kreditu li mhumiex konformi mal-Artikolu 154(1)(c) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ([2]) huma inklużi f'aggregazzjoni ta' pretensjonijiet ta' kreditu addizzjonali taħt l-Artikolu 4 tal-Linja Gwida BĊE/2014/31 għandu jiġi emendat sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' penali finanzjarji sproporzjonati.

(3) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2014/31 għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida BĊE/2014/31 hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 3, jitħassar il-paragrafu 5;

2. L-Artikolu 4 huwa emendat skont kif ġej:

   (a) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

   "Il-BĊNi li jiddeċiedu li jaċċettaw pretensjonijiet ta' kreditu skont il-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà u miżuri għall-kontroll tar-riskju għal dan il-għan billi jispeċifikaw devjazzjonijiet mir-rekwiżiti tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).";

   (b) il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud:

   "5. Għal nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1)(c) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), is-somma tal-valuri bi ksur ta' tali obbligu tal-pretensjonijiet ta' kreditu kollha mhux konformi individwali inklużi f'aggregazzjoni ta' pretensjonijiet ta' kreditu għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-penali finanzjarja skont l-Anness VII ta' dik il-Linja Gwida.".

([1]) Il-Linja Gwida BĊE/2014/31 tad-9 ta' Lulju 2014 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9 (ĠU L 240, 13.8.2014, p. 28).

([2]) Il-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mill-1 ta' Jannar 2021. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mis-6 ta' Novembru 2020.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Settembru 2020.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE